Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2011

Numru 337/2011

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)

vs

Rod Cini

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 220182M, akkuzat talli fit-30 ta' Dicembru 2010 ghal habta ta' 10:30a.m., waqt li kien fil-fond 'Vodafone Retail Outlet' sitwat fi Pjazza Antoine De Paule Rahal Gdid ikkommetta serq ta' mobile tal-ghamla Blackberry ghal valur ta' madwar 599 Ewro ghad-detriment ta' Donald Ciantar mill-Mosta liema serq hu kkwalifikat bil-valur.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet l-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li nghata zmien jirrikonsidra.

Rat il-verbal tal-lum li fih l-ufficjal prosekutur stqarr li r-refurtiva konsistenti f'telefon cellulari giet ritornata.

Rat l-Artikoli 261(c), 278 u 279(e). Tiddeciedi li tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------